**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta’ Frar 2015 (Każ R 46/2014-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Mortons The Restaurant u Morton’s of Chicago.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Morton’s of Chicago, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 228, 13.7.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Mejju 2017 – Agria Polska *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-480/15)** ([1])

***(“Kompetizzjoni — Akkordju — Abbuż minn pożizzjoni dominanti — Suq tad-distribuzzjoni ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti — Deċiżjoni ta’ ċaħda ta’ lment — Allegat aġir antikompetittiv ta’ produtturi u ta’ distributuri — Azzjoni miftiehma jew ikkoordinata ta’ tressiq, minn produtturi u distributuri, ta’ lmenti quddiem awtoritajiet amministrattivi u kriminali — Denunzja ta’ allegat ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli minn importaturi paralleli — Kontrolli amministrattivi sussegwentement ikkummissjonati mill-awtoritajiet amministrattivi — Impożizzjoni ta’ sanzjonijiet amministrattivi u kriminali mill-awtoritajiet nazzjonali fuq l-importaturi paralleli — Assimilazzjoni tat-tressiq ta’ lmenti mill-produtturi u distributuri ma’ azzjonijiet vessatorji jew ma’ abbużi minn proċeduri amministrattivi — Nuqqas ta’ interess tal-Unjoni — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva”)***

(2017/C 221/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Agria Polska sp. z o.o. (Sosnowiec, il-Polonja), Agria Chemicals Poland sp. z o.o. (Sosnowiec), Star Agro Analyse und Handels GmbH (Allerheiligen bei Wildon, l-Awtrija) u Agria Beteiligungsgesellschaft mbH (Allerheiligen bei Wildon) (rappreżentanti: S. Dudzik u J. Budzik, sussegwentement P. Graczyk u W. Rocławski, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Szczodrowski, A. Dawes u J. Norris-Usher, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2015) 4284 finali, tad-19 ta’ Ġunju 2015 [Każ AT.39864 – BASF (li kien AGRIA *et* vs BASF *et*)], li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti rigward ksur tal-Artikolu 101 u/jew tal-Artikolu 102 TFUE allegatament imwettaq minn, essenzjalment, tlettax-il impriża produtturiċi u distributriċi ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, bl-għajnuna jew bl-intervent ta’ erba’ organizzazzjonijiet professjonali u uffiċċju tal-avukati

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Agria Polska sp. z o.o., Agria Chemicals Poland sp. z o.o., Star Agro Analyse und Handels GmbH u Agria Beteiligungsgesellschaft mbH huma kkundannati għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 337, 12.10.2015.